

32006E0773

14.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 313/15

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/773/PESK****tat-13 ta' Novembru 2006****li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) <sup>(1)</sup> għal perijodu ta' 12-il xahar.
- (2) L-Arranġament Miftiehem bejn il-Gvern ta' l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana jispeċifika li l-mandat inizjali ta' 12-il xahar tal-missjoni jista' jiġġedded għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur sakemm il-Partijiet kollha ma jiddeċiedux li jtemmu l-Missjoni.
- (3) Fil-15 ta' Settembru 2006, il-Kunsill tenna l-impenn kontinwat tiegħu għall-EUBAM Rafah.
- (4) Kemm il-parti Palestinjana kif ukoll dik Iżraeljana esprimew l-approvazzjoni tagħhom għall-estensjoni ta' l-EUBAM Rafah, konformement ma' l-Artikolu V ta' l-Arranġament Miftiehem dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah fuq il-fruntiera bejn Gaża u l-Eġittu.
- (5) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- 1) l-Artikolu 3 għandu jiġi mħassar;

- 2) l-Artikolu 13(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenzja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għandu jkun EUR 1 696 659 għall-2005 u EUR 5 903 341 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa l-24 ta' Mejju 2007.";

- 3) it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Din għandha tiskadi fl-24 ta' Mejju 2007.";

- 4) l-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 17*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007."

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E. TUOMIOJA

(<sup>1</sup>) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.